# Pittura fil-Mużew Parrokkjali tan-Naxxar

***Il-Mużew Parrokkjali tan-Naxxar kien ġie inawgurat fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Bambina tas-sena 1993. Għalhekk din il-kitba qed iservi biex tfakkarna fl-għaxar anniversarju mill-ftuħ ta' dan il-post.***

Fost l-aktar xogħlijiet imprezzabbli li nsibu f'dan il-Mużew huma żewġ ikoni antikissimi, waħda ta' SAN NIKOLA u oħra ta' SAN PIETRU, li probabbilment inġiebu mal-wasla ta' l-Ordni tal-Kavallieri f'Malta fl-1530. Minkejja li huma ta' l-istess epoka, aktarx tas-seklu ħmistax, insibu differenzi kbar bejniethom. L-ikona artistika ta' San Nikola, li hi Biżantina, inħadmet bit-teknika msejħa *tempera* fuq l-injam. [1] Jidher li min pitter din l-ikona kien bniedem ta' kapaċità u ħila kbira. Dik ta' San Pietru, jista' jkun li nħadmet Sqallija. [2] Dawn iż-żewġ kwadri żgur li kienu jinsabu fil-Knisja Parrokkjali l-antika li aktarx kienet diġà teżisti qabel l-1402.
IL-MADONNA TAR-RUŻARJU, imdawra bil-ħmistax-il misteru, hu fost l-aktar kwadri antiki Marjani li nsibu f'pajjiżna. Fil-Mużew tal-Katidral ta' l-Imdina nsibu kwadru simili ħafna, impitter minn Giovanni Maria Abela, wieħed mill-eqdem pitturi Maltin li nafu bih. Dan il-kwadru tal-Katidral, li sar fl-1591 u li kien fil-parroċċa tas-Siġġiewi, huwa l-eqdem xbieha tal-Madonna tar-Rużarju f'Malta.
Però studji riċenti poġġew xi dubji dwar kemm jista' jkun li l-istess artist pitter dak tan-Naxxar ukoll. [3] Minkejja li din il-pittura m'hijiex xi biċċa xogħol kbira ta' l-arti, xorta waħda hija mportanti biex naraw kif żviluppat l-ikonografija ta' waħda mix-xbihat ta' devozzjoni l-aktar popolari f'pajjiżna. Fuq dan il-kwadru, li ma hux iffirmat, naraw id-data 1595, jiġifieri sena waħda biss wara li twaqqfet il-fratellanza tar-Rużarju fir-raħal (1594). F'dan il-Mużew jinsabu wkoll żewġ kwadri oħra tas-seklu tmintax li juru l-Madonna taħt dan l-istess titlu.
Kwadru interessanti ieħor huwa dak ta' SANTA MARGERITA. L-arma ta' l-Isqof Tumas Gargallo (1577-1618) tidher ma' ġenb għonq dragun kbir, li hu s-simbolu tal-qaddisa. Dan il-kwadru kien it-titular ta' waħda miż-żewġ kappelli li twaqqgħu fil-ħamisinijiet (l-oħra kienet iddedikata lil San Bastjan), biex infetħet triq quddiem il-knisja parrokkjali. Il-forma partikulari ta' dan il-kwadru hija hekk minħabba s-saqaf medjevali tal-kappella, li kien bħal dak ta' San Girgor fiż-Żejtun.
Fil-Mużew insibu wkoll kwadru ta' l-ANNUNZJATA, li huwa xogħol il-Kavallier Franċiż Fra Lucas Garnier. Qabel ma l-arti sagra f'Malta ġiet iddominata għal kollox mill-Kalabriż Mattia Preti (1613-99) [4], Garnier kien wieħed mill-aktar pitturi importanti tas-seklu sbatax. Din il-pittura kienet issemmiet mill-Isqof Molina fl-1678. [5]
F'dawn is-swali nsibu kwadru partikulari ieħor, li hu dak tas-SAGRA FAMILJA. Għal żmien twil din il-pittura ġiet attribwita lil Giuseppe d'Arena (1647-1719). Però meta wieħed iqabbel dan il-kwadru ma' xi xogħlijiet oħra ta' d'Arena, jidher li hu aktar xogħol ta' xi bottega. Dan jidher ċar speċjalment minn ċerti figuri (speċjalment dik ta' San Ġużepp) li huma mpittra b'mod mill-aktar dgħajjef. Fl-antik dan il-kwadru kien jinsab fuq l-artal ta' San Franġisk (illum ta' San Ġużepp) u ssemma għall-ewwel darba fl-1716 mill-Isqof Cannaves. [6]
Però, żgur li l-aktar li kien hemm konfużjoni kien bejn xogħlijiet ta' Giovanni Nicola Buhagiar (1698-1752) u ta' Franġisku Zahra (1710-73). Meta Zahra kien għadu fil-bidu tiegħu, tant kien jaħdem simili għal Buhagiar li spiss kien jinqala' xi taħwid fuq ta' min hu verament xi kwadru.
Il-kwadru li juri l-MADONNA TAD-DAWL huwa wieħed minn dawn u għandu storja tassew ikkumplikata. Jidher li għalkemm ħareġ minn idejn Buhagiar fl-1738, għal żmien twil intqal li kien ta' Zahra. [7] Barra minn hekk, fl-imgħoddi din il-pittura kienet ħadet post dik ta' Sant' Agata, iżda llum minflokha nsibu l-kwadru tad-Duluri flimkien ma' San Filippu Benizio u Sant' Agata. [8] Minn fuq dan l-artal, din il-pittura tal-Madonna tad-Dawl, sabet postha il-kor, fuq sedji tal-qassisin, flimkien ma' kwadru ieħor tal-PIETÀ. Sfortunatament dawn it-tnejn tneħħew minn hawn ukoll, fl-aħħar tas-snin ħamsin, biex saru żewġ kwadri kbar impittra minn Ġużeppi Caruana (1900-64). Dawn ta' l-aħħar xejn ma jaqblu ma' l-istil tal-knisja, u ħolqu stonatura kbira fil-kor tant sabiħ ta' Lorenzo Gafà (1639-1703).
Iżda minkejja dan it-tibdil kollu, id-devozzjoni lejn il-Madonna tad-Dawl ma kinitx naqset. Għalhekk, fl-1752, lil Franġisku Zahra kien qabdbuh iitter SOTTO-KWADRU ċkejken bl-istess suġġett, ħalli jitqiegħed fil-Knisja bħala tifkira.[9] Illum kemm is-sotto-kwadru msemmi kif ukoll it-tieni kwadru tad-Duluri [10] jinsabu fil-Mużew tal-Parroċċa.
Kwadru ieħor li dwaru kien hemm xi kwistjonijiet huwa dak ta' SAN GEJTANU. Ta' min jgħid li dan il-kwadru mill-aktar artistiku kien ġie esebit f'wirja tifkira ta' Zahra, u kien ġie deskritt bħala fost l-aqwa kapolavuri tiegħu! Kien biss xi ftit ta' snin ilu li sar magħruf li huwa ta' Nikola Buhagiar. Din il-pittura tlestiet fl-1746, u Buhagiar irċieva 71 skud. [11] Illum minflok l-artal ta' dan il-qaddis insibu n-niċċa tal-Vara Titulari. [12] Ninnutaw ukoll li l-Bambin f'dan il-kwadru jixbah ħafna, f'dik li hija teknika, kwadru żgħir li juri 'L KRISTU TARBIJA imdawwar b'numru ta' anġli, u li jinsab ukoll f'dan il-post.
Ix-xogħlijiet ta' Zahra fil-Mużew tan-Naxxar huma kwadri żgħar, iżda xorta waħda ta' valur artistiku kbir Insibu xbieha ċkejkna ħafna ta' KRISTU S-SALVATUR TAD-DINJA, impittra fuq dik li kienet bieba ta' Tabernaklu, kif ukoll żewġ sotto-kwadri ta' SAN INJAZJU TA' LOYOLA, u SAN ALWIĠI GONZAGA. Dawn kollha juru li Zahra mhux biss kien kapaċi

jpitter fil-kobor iżda kellu ħila kbira f'xogħlijiet ta' daqs ċkejken ukoll. Dik tas-Salvatur, b'mod speċjali, kienet ġiet esebita f'wirja unika li saret fil-Mużew tal-Katidral ta' l-Imdina fil-jiem tar-Randan 1997. Il-wirja kienet tikkonsisti fi tlieta u għoxrin pittura fuq l-injam li kellhom x'jaqsmu mal-Passjoni u l-Qawmien tal-Mulej.
Interessanti ħafna kwadru qadim li juri lil SANTA KATERINA flimkien ma' San Pawl u San Ġwann il-Battista, patruni ta' Malta fi żmien l-Ordni tal-Kavallieri. Dan kien issemma mill-Isqof Balageur bħala t-titular tal-kappella ta' Santa Katerina, magħrufa bħala ta' Wied il-Għasel. [13]. L-artist m'huwiex magħruf.
Minkejja dan il-ġid kollu ta' arti barrokka, f'dan il-Mużew hemm nuqqas kbir ta' xogħlijiet ta' snin riċenti. L-aqwa pittura 'moderna' hija bla dubju ta' xejn dik tad-DULURI, li hija xogħol Giuseppe Calì (1846-1930). Dan il-kwadru tpitter b'dik il-ħila li dan l-artist huwa tant magħruf għaliha fl-1916. Hawnhekk naraw li Calì baqa' juri l-kapaċitajiet tiegħu anke meta kien kiber sew fl-età. Dan il-kwadru, flimkien ma' ieħor żgħir, dak tal-Madonna tad-Duttrina (li tpitter fl-1871 - din id-darba meta Calì kien għadu fil-bidu tal-ħajja artistika tiegħu), fil-koppletta tal-Bambina, huma l-uniċi xogħlijiet ta' dan il-pittur fil-Parroċċa tan-Naxxar.
Ninnutaw ukoll kwadru ċkejken ħafna, li huwa EX-VOTO, li sar bħala ringrazzjament lill-Bambina għal xi grazzja maqlugħa. Dan huwa l-uniku ex-voto fil-Mużew, u jġib id-data ' 4 ta' Settembru 1950'. Għalkemm żgħir hija tassew ħasra li dan il-kwadru jinsab f'daqsxejn ta' kantuniera mwarrba, mingħajr l-attenzjoni li jixraqlu. Barra dawn ix-xogħlijiet artistiċi kollha, ta' min isemmi numru ta' Antifonarji antiki u xi abbozzi tal-Koppletti - xogħol Pawlu Camilleri Cauchi, flimkien maċ-ċelu tat-tużell u kwadri oħra li hemm fis-sagristija.
Hawnhekk wieħed irid ifakkar li l-Mużew tan-Naxxar huwa mċaħħad minn xi opri artistiċi li fil-fatt huma tiegħu bi dritt. Fosthom hemm tliet VENTARTALI uniċi f'pajjiżna, li flok fidda jew damask kienu bil-pittura fuq il-ġild. Wieħed minn dawn għandu x-xbieha tad-Duluri fuqu. Il-qedem tiegħu jidher sew meta nqisu li l-użu tal-ventartali quddiem l-artal tad-Duluri kien spiċċa meta l-ġisem qaddis ta' San Vittorju Martri tpoġġa taħt dan l-istess artal fl-1787. [14] Għal xi raġuni li ħadd ma jaf, dawn jinsabu fil-Mużew tal-Katidral ta' l-Imdina, mingħajr lanqas l-iċken indikazzjoni li huma proprjetà tan-Naxxar!
Fiċ-ċerimonja tal-ftuħ, dan il-Mużew Parrokkjali kien ġie deskritt bħala pass għaqli li permezz tiegħu kien ser jinġabar u jiġi ppreservat aħjar dan il-PATRIMONJU kbir tan-Naxxar u ta' Malta kollha. [15]. Issa jmiss lilna n-Naxxarin u dawk kollha li jiġu jżuru l-Knisja Parrokkjali fil-jiem tal-Festa tal-Bambina, biex jitilgħu u japprezzaw daqsxejn x'teżor għandna ġo dan il-post.

**Viva Marija Bambina.**
**Edward Azzopardi - Mejju 2003**

**Riferenzi**

1. Tempera hija waħda mill-aktar metodi ta' pittura antiki u diffiċli li jeżistu. Din it-teknika titlob li l-artist iħallat il-kuluri mitħuna ma' xi ingredjenti oħra, bħal isfar tal-bajd, biex ma jitfarfarx minn fuq l-injam.
2. Sciberras, K. (2000). 'Church Paintings in the Parish of Naxxar'. P. Catania & J.L. Scerri (Eds.). 'Naxxar A Village and its People' (p. 170). Gutenberg Press, Tarxien, Malta.
3. Fsadni, M. O.P. 'History of Sacred Art'. P. Mizzi (Gen. Ed.) Heritage: Issue 80 (p. 1593). Published by Midsea Publications, Malta.
4. Stramb il-fatt li fil-parroċċa tan-Naxxar ma nsibu l-ebda xogħol ta' Preti.
5. Sciberras (2000). p. 175.
6. Sciberras (2000). p. 178.
7. Sciberras (2000). p. 182.
8. Dan il-kwadru tpitter minn Franġisku Zahra fl-1753, wara t-twaqqif tal-Fratellanza tad-Duluri fl-1750.
9. Sciberras (2000). p. 186.
10. Fl-oratorju tas-sagristija tal-knisja parrokkjali tal-Qrendi jeżisti kwadru żgħir tad-Duluri li huwa kopja fidila ta' din il-pittura (Programm 1996 - Soċjetà Mużikali Vittoria, p. 71).
11. Sciberras (2000) p. 170. Fil-Knisja Parrokkjali nsibu wkoll kwadru ieħor, dak ta' Santa Marija (1740) li għal xi żmien kien magħruf bħala ta' Zahra, iżda llum ġie attribwit mill-ġdid lil Buhagiar.
12. In-niċċa imponenti tal-Vitorja hija fuq id-disinn ta' l-artist magħruf Emvin Cremona, u tlestiet fl-1976.
13. Din il-kappella kienet ġiet ipprofonata mill-imsemmi Isqof fl-1659. Ta' min jgħid li f'dawn l-inħawi kien hemm raħal ċkejken jismu Ħal Pissa.
14. Meta nbnew in-navi u l-artali tressqu lura fil-kappelli tagħhom, fil-bidu tas-seklu għoxrin, il-Ġisem ta' San Vittorju tneħħa u tpoġġa fl-artal tal-kor.
15. Cutajar, N. (Programm tal-Festa 1994- p. 65). 'L-Inawgurazzjoni: Mużew Parrokkjali, Naxxar'.